C/2024/5184

21.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11688 — KKR / TMUS / METRONET)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5184)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— T-Mobile USA, Inc. ("TMUS", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG ("DT", il-Ġermanja),

— Metronet Holdings, LLC ("Metronet", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Oak Hill Capital Partners (l-Istati Uniti tal-Amerka) u The Cinelli Family (l-Istati Uniti tal-Amerka).

KKR u DT se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Metronet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— KKR: ditta tal-investiment globali li toffri l-ġestjoni alternattiva tal-assi kif ukoll soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni,

— TMUS: operatur tat-telekomunikazzjoni mingħajr fili li jipprovdi servizzi ta' kopertura, vuċi, messaġġi u *data* fuq skala nazzjonali fl-Istati Uniti tal-Amerka, Puerto Rico u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Metronet huma dawn li ġejjin: fornitur tal-internet tal-fibra fl-Istati Uniti tal-Amerka.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11688 — KKR / TMUS / METRONET

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË